MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 47/2002/1

**John Mary sive Jimmy Agius, Angelo Agius u Grace Everest f'isimha proprju u fil-kwalita' taghha ta' mandatarja specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Joseph Agius, bhala eredi tal-mejta Maria Agius, u Victoria Vella, xebba.**

**-vs-**

**Paul Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi in forza ta' testment unica charta tas-17 ta' Frar 1954 in atti Nutar Dottor Antonio Galea (Dok A) u senjatament ir-Raba' (4) Artikolu ta' l-istess, it-testaturi Gio Maria u Anna konjugi Vella hallew bi prelegat u in piena proprjeta' lill-uliedhom Maria mart Paolo Agius (illum mejta), u Victoria Vella xebba:-

1. il-fond numru 18 u 19, Triq il-Wied, Mellieha;

2. il-mezzanin numru 20, Triq il-Wied, Mellieha;

3. il-mezzanin numru 21, Triq il-Wied, mellieha;

4. u l-garaxx bla numru, Triq il-Wied, Mellieha

bil-patt li l-istess fondi jigu stmati minn Perit u l-atturi jhallsu lill-konvenut it-terz tal-valur illi jigi hekk iffissat.

Illi l-imsemmi Gio Maria Vella miet fis-6 ta' Mejju 1970 filwaqt illi l-imsemmija Anna Vella mietet fil-21 ta' mejju 1960.

Illi l-fuq imsemmija Maria Agius mietet fl-4 ta' Settembru 1993 u konsegwentement is-sehem taghha fil-prelegat fuq imsemmi ghadda fuq it-tfal taghha, John Mary Agius, Angelo Agius, Grace mizzewwga Everest u Joseph Agius.

Illi nonostante diversi tentattivi mill-atturi, l-konvenut Paul Vella ma wasalx ghal ftehim dwar dan il-prelegat.

Illi llum l-eredita' kollha tal-mejtin gio Maria u Anna Vella tinsab diviza salv il-fuq precitat prelegat.

Illi l-konvenut Paul Vella ntavola l-kawza kontra l-istess atturi ghall-hlas tat-terz tal-fondi numri 18, 19, 21, Triq il-Wied Mellieha u l-garazz bla numru li jinsab fl-istess triq u dana ai termini ta' l-Artikolu Erbgha (4) tat-testment fuq imsemmi, liema kawza ggib Citazzjoni Numru 677/01JRM.

Illi l-konvenut jokkupa l-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieha u dana minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Illi l-attur sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhaom bhala proprjetarji b'mod partikolari fuq il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieha, talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut Paul Vella sabiex jinzamm milli jikri, icedi jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmi fond lil terzi, liema Mandat ta' Inibizzjoni jgib in-numru 14/02 (Dok.B).

Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat huwa baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiffissa data, lok u hin ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' l-immissjoni fil-pussess da parti tal-konvenut a favur l-atturi fir-rigward tal-fondi 18, 19, 20 u 21 Triq il-Wied Mellieha u l-garaxx bla numru illi jinsab fl-istess triq u tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-istess att u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq dak l-att.

2. Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa il-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieha minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

3. Konsegwentement tordna lill-konvenut jizgombra mill-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieha fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-13 ta' Frar, 2002 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament Grace Evarist ghandha taghti prova li ghandha r-rapprezentanza ta' Joseph Agius.

2. Illi hemm lok tal-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza fl-ismijiet Paul Vella vs Grace Evarist et (Citaz. Nru: 677/01JRM).

3. Illi t-talba ta' l-atturi ghall-immissjoni fil-pussess hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biss f'kaz li tigi michuda t-tielet eccezzjoni, l-ewwel talba hija nulla peress li l-eccipjent huwa biss wiehed mill-koeredi tal-mejta Gio Maria u Anna konjugi Vella u t-talba kif proposta ma tregix.

5. Illi t-tieni u t-tielet talba ta' l-atturi hija nulla peress li in kwantu permezz ta' l-ewwel talba qeghdin jitolbu li jsiru possessuri tal-legat, ma jistghux jezercitaw azzjoni kontra terzi fuq immobbli li fuqu qieghed jintalab l-immissjoni fil-pussess.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, it-talbiet ta' l-atturi in kwantu jirreferu ghall-fond numru 20, Triq il-Wied, Mellieha huma nfondati peress li l-eccipjent huwa propjetarju ta' l-istess bis-sahha tal-preskrizzjoni trigenerarja.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u kif ser jirrizulta mill-provi, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li permezz tieghu l-partijiet qablu li l-atti tal-kawza fl-ismijiet Paul Vella vs Grace Evarist et (Cit. No. 667/01) ikunu jikkostitwixxu prova f'din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ghaxar snin u dik tat-tletin sena (tielet u sitt eccezzjoni).

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi kif gie sottomess mill-partijiet fin-nota taghhom, il-konvenuti f'din il-kawza qed jeccepixxu l-preskrizzjoni decennali u cioe dik kontemplata fl-Artikolu 845 tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jaghti zmien ghaxar snin lil min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat jew legittima.

Iz-zmien kontemplat fl-Artikolu 845 huwa wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza (ara s-sentenzi fl-ismijiet Degabriele v Attard (Prim'Awla 20 ta' Gunju, 2005) u Borg vs Zammit (Vol XXXIX-i.139) L-ewwel sentenza msemmija tghid illi;

" *Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min ghal zmien ghaxar snin ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.*"

*Illi madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-*

*preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala*

*taghha ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami.*"

Allura ladarba dan l-artikolu huwa wiehed li jippreskrivi terminu preskrittiv, japplikaw ir-regoli kollha dwar il-preskrizzjoni. Naturalment ma hemmx dubbju li mbaghad l-eccezzjoni dwar it-trapass ta' tletin sena tirreferi ghall-perjodu preskrittiv u mhux ta' dekadenza. Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni m'hemmx lok ghal dubbji ghaliex l-atturi ppresentaw ittra ufficjali fl-1996 li hija annessa mac-citazzjoni u ghalhekk il-perjodu ta' tletin sena gie nterrot.

Ma hemmx kontestazzjoni illi l-perjodu preskrittiv beda jghaddi f'dan il-kaz mall-mewt ta' Gio Maria Vella cioe fis-6 ta' Mejju, 1970 billi sa dakinhar huwa kien ghadu jipposjedi l-uzufrutt ta' martu Anna li mietet fl-1960. Gie stabbilit li meta l-oggett ereditarju ikun soggett ghall-uzufrutt il-perjodu preskrittiv ma jkunx beda ghaddej u jibda biss meta jmut l-usufrittwarju (jew jintemm l-usufrutt ghal xi raguni ohra (Ara s-sentenza D'Amico vs D'Amico moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2003).

Wiehed ghandu jghid illi wahda mill-principji li fuqhom inbena l-istitut tal-preskrizzjoni hija l-presunjoni li jekk il-kreditur dam ma agixxa, il-hlas ikun sar. *La prescrizione, si dice, e' fondata sulla mozione del creditore o del propietario; dunque essa deve essere ottenuta solo perche' essi non agiscono… si presume che il debito sia stato pagato quando il creditore rimane .. nell' inazione.. non si puo presumere che il debito sia estinto quando il debitore ne riconosece l'esistenza* (Laurent, Della Prescrizione paragrafu 120).

Ghalhekk il-Qorti thossha wkoll perplessa kif il-konvenuti f'kawza ohra qed jitolbu l-hlas preskritt skond il-legat tal-

immissjoni fil-pussess skond l-istess artikolu u f'din il-kawza qed jeccepixxu l-preskrizzjoni meta l-kawza qed

issir ukoll a bazi ta’ l-istess artikolu. Fil-fehma tal-Qorti jekk il-konvenuti ghadhom iridu jipprevalixu ruhhom minn dak l-artikolu, qeghdin fl-istess waqt jissottomettu ruhhom ghal dak li jghid l-istess artikolu u ma jistghux jispettezzawh biex igawdu minghajr ma jhallsu d-decmi. Infatti l-artikolu jghid;

“*It-testaturi jhallu bi pre legat u in piena proprjeta’ liz-zewg uliedhom Maria mart Paolo Agius u Vittoria xebba, ahwa Vella, l-imsemmijin fondi …; bil-patt li l-istess fondi jigu stmati minn perit u l-istess Maria Agius u Vittoria Vella ikunu obligati jhallsu lill-isemmi huhom Paolo Vella, hu t-testaturi it-terz tal-valur li jigi iffissat mill-istess perit ghall-istess fondi.*”

Dan allura jfisser li l-konvenuti fil-kawza l-ohra qed jitolbu l-hlas li jigi mill-immissjoni fil-pussess meta f’din il-kawza qed jeccepixxu illi ghadda z-zmien biex Paolo Vella (issa uliedu) jitlob il-valur tal-oggett – ifisser ukoll li ladarba qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-oggett dan ghadu teknikament fil-pussess tal-eredi kollha – u l-atturi f’din il-kawza l-artikolu sussegenti huma l-werrieta l-ohra mal-konvenuti. Ladarba allura huma ghadhom igawdu l-ko-pussess ma jistax jiddekorri ebda perjodu preskrittiv. Naturalment fejn qed jissemmew il-konvenuti, originarjament kien missierhom il-werriet u anke konvenut izda billi miet fil-mori tal-kawza llum hemm uliedu l-konvenuti odjerni.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut (u allura l-aventi causa tal-konvenuti uliedu) kemm-il darba rrikonoxxa dan id-debitu billi huwa stess talab  li jithallas s-sehem tieghu skond l-artikolu 4 imsemmi.

Dan kollu qed jinghad biex il-Qorti turi li hemm iktar minn argument wiehed biex tasal ghall-konkuzjoni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 845 ma ghandhiex tintlaqa.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-konvenuti. L-ispejjes ta’ din l-istanza riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------